MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48/2018

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

48.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

### 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

48.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 47/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

48.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

48.2.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina staqsa dwar il-minuti 47.6.11 biex jara fhiex wasal ix-xogħol ta' żebgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser isir xogħol ta' żebgħa tas-sinjali madwar il-lokalita' issa li qed toqrob il-festa u dan is-sinjal isfar fi Triq Madonna taċ-Ċiċri isir dakinhar.

48.2.4 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar minuti 47.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser tintbagħat *email* lill-Perit tal-Kunsill biex jara fhiex waslet l-applikazzojni mal-*Planning Authority*.

48.2.5 Il-Kunsilliera Sandra Grech staqsiet dwar minuti 47.4.3 biex tara' kienx hemm risposta min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex dwar għajnuna għall-*finishing* tal-latrina tax-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li intbagħtet *email* u saret it-talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex iżda ma kien hemm l-ebda risposta.

### 48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

48.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar email li l-Kunsill irċieva mingħand Żebbuġ Rovers F.C. b'talba biex isir *beer festival* fi Triq Mons De Piro. Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir laqgħa mal-għaqdiet kollha tar-raħal inkluż Żebbuġ

Rovers sabiex jitfassal il-programm tal-festa wkoll. Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni li jsir dan il-*beer festival* u ġie deċiż li ssir laqgħa mal-għaqdiet nhar il-11 ta' Ġunju 2018 fis-7pm.

48.3.2 Is-Sindku informa lilll-membri preżenti dwar il-mewt tas-Sur Colin Muscat fit-traġedja tal-kamra tan-nar ta' nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2018 u bagħat il-kondoljanzi lill-familja ta' Colin Muscat f'dan il-mument diffiċli. Is-Sindku qal li s-Sur Colin Muscat kien ikun hawn fiż-Żebbuġ fil-jiem tal-festa u kien irrispettat ħafna min-nies tar-raħal speċjalment mill-għaqda tan-nar.

48.3.3 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li jrid jiġi maħtur il-bord tal-evalwazzjoni għas-sejħa tal-offerta taħt il-miżura 4.3. Minħabba li l-proċess irid isir fi żmien limitat minħabba li l-Kunsill marbut bi żmien qasir sabiex ilesti dan ix-xogħol, il-bord irid ikun prattiku fejn tidħol is-sistema tal-EPPS. Għalhekk il-membri qablu li jaħtru lil:
Chaiperson: Is-Sur William Sultana
Segretarju: Is-Sur Ryan Debrincat
Avukat: Dr Joshua Grech
Perit: Is-Sur Mario Cordina
Accountant: Is-Sur Daniel Galea

48.3.4 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar inċident li seħħ fi Triq Iż-Żebbuġ u talab sabiex tintbagħat email lil Ministeru għal Għawdex u lill-Pulizija ninfurmawhom bil-periklu li hemm u biex jerġa' jinbena l-ħajt.

48.3.5 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar l-offerta li ntrebħet minn Gatt Tarmac Ltd biex issir Triq Ħal Sagħtrija. Huwa qal li x'ħin tqabbel mas-somma li l-Ministeru għal Għawdex ta lill-Kunsill għal din it-triq ser jibqa' madwar €30,000. Qal li għandha ssir talba mill-Perit tal-Kunsill sabiex b'dawn il-flus li jifdal issir T/G fi Triq il-Ponta faċċata ta' Triq il-Kanun fejn ta' Josephine Mercieca.

## 48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

48.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Ir-railing fi Triq taċ-Ċaqra li kien approvat f'laqgħa preċedenti u għadu ma' sarx. Is-Sindku wieġeb li dan ser isir imma għandna xi kontijiet li jridu jitħallsu l-ewwel.

- Il-bankina ta’ Triq Għajn Mhelhel li kienet approvata u għadha ma saritx. Is-Sindku wieġeb li din il-bankina daħlet fil-lista ta’ bankini li jridu jsiru. Is-Sindku qal li din ser issir ukoll fl-ordni li jmiss u wara li jitħallsu xi kontijiet ta’ bankini li diġa’ saru.
- Fakkar dwar ir-rapport li kellu jsir mill-Perit tal-Kunsill dwar l-isqaq ta’ Triq il-Ponta biex jiġi stabbilit jekk hijiex art pubblika sabiex issir bil-konkos.
- Il-ħoloq li saru tal-moll tax-xwejni huma dojoq u tad-dgħajjes qed isibu diffikulta jorbtu magħhom. Qed jissuġġerixxi li jitħaffer madwarhom sabiex tkun aktar faċli li jorbtu d-dgħajjes magħhom. Kien hemm qbil dwar dan.
- Fakkar dwar il-periklu ta’ Triq ix-Xwejni li qed iċċedi minn taħt u t-taraġ li jagħti għall-bajja li hu perikoluż. Il-membri qablu sabiex jintbagħat *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Pulizija dwar il-periklu.
- Biex isiru l-bagi li jindikaw *swimming zone* fil-Qbajjar ħdejn il-*pitch* tal-boċċi. Kien hemm qbil dwar dan.

48.4.2 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba ressaq dawn il-punti:

- Biex tinqala’ r-roadhump fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku wieġeb li tkellem mas-sid ta’ dik il-biċċa fejn hemm il-palma u għandu jiltaqa’ miegħu fil-jiem li ġejjin biex titwessa’ t-triq.
- Biex issir bollard tal-konkos fil-bidu tal-moll tax-xwejni biex ma jidħlux vetturi fuq il-moll. Kien hemm qbil dwar dan.
- Appell lill-awtoritajiet sabiex isir aktar infurzar f’Marsalforn minħabba l-problema tal-iskart u ħeġġeġ lir-residenti sabiex ma jirreklamawx din il-problema fuq is-*social media* għax konsegwenza ta’ hekk persuni minn barra l-lokalita’ qed imorru jiddisponu mill-iskart tagħhom Marsalforn. Ma’ dan il-punt il-Viċi Sindku għamel suġġeriment sabiex jitneħħew it-tabelli tal-ħinijiet tal-iskart f’dawn l-inħawi. Kien hemm qbil dwar dan.
- Fakkar dwar proposta li kien ressaq u li kienet ġiet approvata sabiex jiddawlu ix-xelters fi Triq iż-Żebbuġ.
- Suġġeriment sabiex Triq iċ-Ċnus tiġi aċċessibli għal ma’ Triq il-Ponta fejn tesporġi ma’ Triq il-Kanun. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan is-suġġeriment tressaq waqt laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fejn wieġbet li hemm kwistjoni fuq din l-art u ma’ tridx tidħol fil-kwistjoni minħabba proċeduri fil-qorti li kienu għaddejjin.

48.5 **Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill;**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn ġew immarkati xi nuqqasijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

48.6 **Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2018 – Marzu 2018;**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur minn Jannar 2018 sa Marzu 2018. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport li fih deher li l-FSI ta' dan il-perjodu qiegħed fil-firxa ta' kif mitlub mid-dipartiment. Madanakollu sar xi xogħol f'dan il-perjodu li mhux imniżżel f'dan ir-rapport peress li l-Kunsill għadu ma rċeviex il-fatturi.

Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2018 – Marzu 2018 ġie approvat unanimament minn dawk preżenti.

48.7 **Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: *Design and printing of book*;**

48.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar is-6 t'April 2018. Dawn kienu:

Salander Group Co Ltd - €3,845.00 (VAT eskluż);
Hundar - €9,900.00 (VAT eskluż);
Union Print Co. Ltd. - €7,200.00 (VAT eskluż).

48.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda lil Salander Group Co Ltd peress li kienet l-irħas offerta u li kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

48.7.3 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni u r-rapport ġie approvat unanimament.

## 48.8 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

48.8.1 Ċirkulari AKL 2018/049 – Seminar Vjolenza Domestika. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.2 Ċirkulari AKL 2018/050 – Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta' *tenders* fuq is-sistema EPPS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.3 Ċirkulari AKL 2018/051 – Preżentazzjoni mill-Kumpanija Paragon waqt is-seminar Proġett Mobilitas. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.4 Ċirkulari AKL 2018/053 – Sessjoni Informattiva *EEA & Norway Grants Fund for Regional Cooperation*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.5 Ċirkulari AKL 2018/054 – *Climate Kic – Urban Challenges Proposal*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.6 Ċirkulari AKL 2018/055 – *Energy Management Local Training and Networking Event New Finance Project_MIEMA*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.7 Ċirkulari AKL 2018/056 – *Invitation to participate in a transnational initiative on the EU*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.8 Ċirkulari SPI 4/2018 – Monumenti f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota u wieġeb għall-kontenut.

48.8.9 Ċirkulari SPI 5/2018 – Attivita' Light up the Night. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.10 Ċirkulari SPI 6/2018 – Opportunitajiet ta' Xogħol tas-Sajf għall-Istudenti – 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.11 Il-Kunsill irċieva stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Elettorali – Reġistru Elettorali ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern – April 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48.8.12 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand l-għaqda li tieħu ħsieb it-tiġrija taż-żwiemel tal-festa li din is-sena ser issir nhar il-Ħadd 5 t'Awissu 2018. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Dan ġie kkomunikat ukoll lil *Gozo Sports Board* wara li l-

Kunsill irċieva wkoll *email* mingħandhom.

48.8.13 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand l-*Gozo Sports Board* jitolbu n-*No Objection* mill-Kunsill għall-attivita' Enduro tal-muturi fix-Xwejni nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2018. Dan l-avveniment kien ġie ikkomunikat lill-membri permezz tal-*email* u ma kienu sabu ebda oġġezzjoni.

48.8.14 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand l-ANSEK dwar kors għas-Segretarji Eżekuttivi fl-accounting u Sage Line 50. Il-Kunsill irid iħallas is-somma ta' €175 għal dan il-kors filwaqt li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser iħallas €125 u l-ANSEK ser tħallas €95 għall-eżami ta' C&G. Kien hemm qbil dwar dan.

48.8.15 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand Fondazzjoni Valletta2018 li ser tkun qed tiprovdi trasport b'xejn lejn il-Belt Valletta u lura għall-attivita' Valletta Pageant of the Seas fis-7 ta' Ġunju 2018. Il-membri tal-Kunsill qablu li jinħareġ avviż lir-residenti biex norganizzaw ħarġa kulturali għal din l-attivita'.

48.8.16 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali s-Sur Adrian Mifsud jinforma lill-Kunsill li l-Ministru approva in-nomina tas-Sna. Liliana Borg bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, b'effett mid-19 t'April 2018 għal perijodu ta' 90 ġurnata li jista' jerġa jiġġedded. Dan sabiex fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv tkun tista' tassumi d-doveri tiegħu.

48.8.17 Applikazzjonijiet tad-Divertiment

- Alessandro Ciappo obo I Toscani – Band – I Toscani Restaurant, Qbajjar Marsalforn – 3rd, 7th, 10th, 14th, 17th, 21st, 24th, 28th June 2018 – Approvata;
- George Borg obo Vini e Capricci – Dinner – Xwejni Salt Pans (site plan attached) – 04/08/2018 – Approvata;

Il-Kunsill saħaq li l-permessi huma approvati mill-Kunsill bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill u ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Pulizija.

48.8.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukat Dr Joshua Grech għan-nom tas-Sur Anthony Zammit b'referenza għad-*double yellow lines* li saru fi Triq Skapuċċina. Il-membri tal-Kunsill qablu sabiex jittieħed parir legali mill-avukat Dr Mario Scerri.

48.8.19 Ilment 23/2018 – C. Saliba
Suġġeriment sabiex jitwaqqaf live streaming fi Pjazza l-Assunta kif ukoll mis-Santwarju ta' Santa Marija Assunta. Il-membri qablu ma' dan is-suġġeriment u ser jinġabru tlett kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

48.8.20 Ilment 24/2018 – D. Palmer
Titlob biex jitpoġġew *dog bins* fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri ma qablux ma' dan is-suġġeriment minħabba l-problema biex jitbattlu u jitnaddfu dawn il-*bins*.

48.8.21 Ilment 25/2108 – D. Cefai
Titlob sabiex isiru kaxxi tal-parking fi Triq Għajn Mhelhel quddiem ir-residenza tagħha. Il-membri qablu sabiex isir survey mill-Perit tal-Kunsill sabiex isiru dawn il-kaxxi bojod.

48.8.22 Ilment 26/2018 – G. Vella
Jitlob li ssir disabled parking quddiem 41, Triq Skapuccina Iż-Żebbuġ. Il-membri tal-Kunsill ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

48.8.23 Ilment 27/2018 – D. Cordina
Biex jitnaddfu l-ġibjuni fi Triq Ħabel it-Twil mil-ħama u t-terrapien u jkunu jistgħu jilqgħu aktar ilma. Il-membri qablu sabiex tintbagħat *email* lil Ministeru għal Għawdex u lid-Dipartiment responsabbli mill-ġibjuni.

48.8.24 Ilment 28/2018 – M. Saliba
Biex tara hux ser isiru l-korsijiet tas-Sajf mill-Kunsill. Il-membri qablu li jerġgħu jsiru u jinġabru kwotazzjonijiet għal servizz tal-għalliema.

**48.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM 36/2018 tat-Tnejn 16 t'April 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**48.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 34/2018 għall-perjodu bejn l-20 t'April 2018 u it-28

ta' Mejju 2018 li tammonta għal €30,772.31 kienet approvata u ffirmata.

**48.11 Mozzjonijiet;**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**48.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| <u>**Iffirmati**</u> | <u>**Iffirmati**</u> |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |